Kitba ta'
**Charles Clews**

# Bormla ta' Qabilna...

Meta tagħmel xita qalila, in-nies ta' Bormla jafu x'jiġifieri, għax kemm-il darba rajna ż-żewġ pjazez ewlenija ta' din il-belt għargħar sħiħ. Pjazza Gavino Gulia u Pjazza Paolino Vassallo raw hemmhekk kwantità ta' ilma kbira mhux darba u tnejn. Niftakru l-ħwienet ta' Paolo Caruana u ta' Ġużeppi Theuma ta' l-arloġġi, bis-sinjali mal-ħajt sa fejn kien darba telagħlhom l-ilma f'maltempata qawwija.

Id-*Daily Malta Chronicle* tat-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 1904 issemmi kif jumejn qabel, is-Sibt, Malta kellha xita qawwija, lejl u nhar, qaltilna, sal-Ħadd filgħaxija. *Il-postijiet fin-naħa baxxa ta' Bormla kienu mgħarrqin u l-abitanti kienu allarmati li ma jmurx jerġa' jiġri kif kien ġara xi snin ilu.*

Id-*Daily Malta Chronicle* ma semmietx meta kien li ġara l-għargħar snin qabel li għalih kienu preokkupati n-nies ta' dawk l-inħawi (li nifhmu taż-żewġ pjazez), iżda nies anzjani snin ilu kienu dejjem isemmu kif minħabba l-pożizzjoni ta' dawk iż-żewġ imsieraħ, billi l-ilmijiet mill-Fgura, Ħaż-Żabbar, San Ġwann ta' Għuxa, mit-Triq tal-Baqar (*Strada Toro*) u *Strada Bongiorno* (Triq Matty Grima) kienu kollha jaqgħu hemmhekk. U mhux darba, skond nies il-mara, kellhom jgħumu hemmhekk sa rkubbtejhom.

Iżda fl-1913, f'Ottubru wkoll, l-għargħar kien xi ħaġa kbira fuq il-Kottonera, speċjalment. Dakinhar kienu għerqu żewġt itfal, aħwa, Carmelo u Emanuele Ellul, li kienu jiġbru l-iskart, u hemm irħama li tfakkarhom mal-mina ta'barra Santa Liena, fejn kienu nstabu l-kadavri; il-Mina tal-Polvrista.

Kien ukoll dakinhar waqa' l-ħajt tal-ġnien tal-Kunvent ta' Santa Tereża, li wara, kif qaluli, kien inbena ferm aktar mastizz milli kien. Fuq dan jissemma każ kurjuż: xi nies kienu għarrfu lill-pulizija li qabel ma kien waqa' l-ħajt, waqt xita qalila, xi ħadd kien lemaħ suldat Ingliż (li bihom Verdala kienet tkun mimlija dak iż-żmien) li kien qiegħed jistkenn taħt il-ħajt. Bilgri beda taħfir ħalli jaraw isibux lis-suldat, meta xi ħadd ġie bl-aħbar li s-suldat kien qiegħed jixrob fil-ħanut ta' Belin, fil-mina tad-daħla tal-Birgu.

Fil-*Malta Times* tal-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 1904, insibu lista ta' artisti li kienu jiffurmaw il-kumpanija operistika tat-Teatro Reale (it-Teatru Rjal) għall-istaġun 1904-1905. Insibu bosta ismijiet ta' artisti li wara kienu saru ċelebritajiet. It-Teatru Rjal kien, (barra milli jkollu artisti diġà ta' fama), ukoll bank ta' l-eżami għal bosta artisti debuttanti, għax il-kritiċi Maltin kienu jafu l-ambjent sewwa, u suċċess fuq il-palk ta' l-Irjal kien ifisser suċċess anke fl-Ewropa. L-artisti ta' l-opra lirika kienu jibżgħu mill-Kritiċi Maltin



*Is-Surmast, Professur tal-mużika, Paolino Vassallo. Kien surmast tal-Banda San Ġorġ u Maestro di Cappella tal-Kattidral. Kemm il-Każin tal-Banda kif ukoll il-pjazza ewlenija ta' Bormla huma msemmija għalih.*

għax dawn kienu jafu jaraw u japprezzaw *il bel canto*.

Insibu 3 soprani, 2 mezzo-soprani, 3 tenuri, 2 baritoni u 2 baxxi. Iżda l-interess tagħna jdur lejn ir-repertorju ta' opri li kienu se jidhru: fost oħrajn, kien hemm Adriana Lecouvrier ta' Cilea, u l-opra ***Frazir***, ta' Mro. Paolino Vassallo l-magħruf kompożitur Kospikwan, awtur mhux biss ta' opri iżda ta' kull xorta ta' mużika klassika.

Jiena jidhirli, li l-istorja ta' *Frazir* kienet dehret ukoll bħal xogħol drammatiku, fuq il-palk, adattata mis-Sur Ġużè Gatt, pittur, attur u anke kittieb ta' drammi, u jiġi ħu ċ-ċelebri Abram Gatt. Ġużè Gatt ukoll kien Bormliż.

Fl-istess ġurnal insibu avviż interessanti: *Is-Sur Carlo Luigi Borg iħabbar li l-klassijiet ta' filgħaxija tiegħu* ***għar-residenti Taljani ta' Bormla****, se jibdew fit-3 ta' Ottubru.* Bilfors li f'Bormla, mitt sena ilu, kien hemm għadd mhux ħażin ta' Taljani residenti hemmhekk.

Niġu lura ħamsin sena. Fit-*Times of Malta* ta' l-4 ta' Ottubru, 1954, insibu li s-sett ta' 3 bolli postali li ħareġ lokalment fit-8 ta' Settembru bħala tifkira tad-Domma ta' l-Immakulata Konċezzjoni, deher fl-aħbarijiet fl-ewwel paġni fl-Iskozja.

*Ħarġa riċenti ta' 'The Scottish Catholic Herald', imxandar fl-ewwel paġna fuq tliet kolonni, insibu ritratt tal-'First Day Cover'bit-tliet bolli taħt ir-ras: 'Territorju fil-'Commonwealth' Ingliż li ħareġ bolli tas-Sena Marjana,'* qal ir-rapport.

It-tliet bolli, is-sett kienu juru l-kwadru tal-kor ta' Bormla, ta' tliet valuri. Ma' l-ewwel ħarġa kienu nbiegħu £9,000, somma konsiderevoli dak iż-żmien.

Minn qalbi nixtieq lil kulħadd festa allegra u devota.